MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 364/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roger Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Roger Agius talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas illi jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 20 ta' Novembru 2008 u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax-il euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Ghalhekk, il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Roger Agius jigi kkundannat li jhallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perijodu li jibda mill-21 ta' Frar 2009 sat-30 ta' Gunju 2009 salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 76 ta' Kapitolu 406, sabet lill-imsemmi Roger Agius hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €1,950 (elf, disa' mija u hamsin euro) multa rapprezentattiva l-perjodu ta' bejn il-21 ta' Frar 2009 sat-30 ta' Gunju 2009 salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Roger Agius ipprezentat fit-22 ta' Settembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah u fin-nuqqas taghti sentenza aktar gusta u ekwa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant hu illi, peress illi ilu taht arrest preventiv minn Lulju 2009, m'ghandux access ghad-dokumenti li ghandu bzonn biex jipprezenta r-returns, u minhabba r-reat li jinsab akkuzat bih, m'ghandux il-ko-operazzjoni tal-familja tieghu. B'hekk huwa impossibbli ghalih li jikkomputa l-VAT li ghandu jithallas u lanqas m'ghandu l-mezzi biex jipprezenta u jhallas.

**6.** Issa, jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Novembru 2008 l-appellant kien instab hati li naqas li jibghat lill-Kummissarju tal-VAT id-denunzja tat-taxxa ghaz-zmien ta' taxxa li ntemm fit-28 ta' Frar 2005. Dan kien ghall-perijodu mill-1 ta' Dicembru 2004 sat-28 ta' Dicembru 2005. B'dik is-sentenza nghata tliet xhur zmien biex jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ta' hmistax-il euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

Effettivament dawn il-proceduri ttiehdu wara li kien ghadda inutilment iz-zmien koncess lilu mill-Qorti.

**7.** L-appellant qieghed isostni illi huwa impossibbli ghalih li jimla d-denunzja relattiva peress illi m'ghandux access ghad-dokumentazzjoni mehtiega, jekk ghadha tezisti, u m'hemm hadd li jista' b'xi mod jghinu. Fil-fatt fil-mori ta' dan l-appell din il-Qorti ppruvat tara jekk kienx possibbli li timtela d-denunzja relattiva billi anke giet konsenjata lilu kopja tad-denunzja relattiva. Anke nnominatlu avukat ghall-ghajnuna legali sabiex tara jekk setghetx possibilment tassistieh f'dan. Sfortuntament l-ezitu baqa' negattiv minhabba n-nuqqas ta' access li l-appellant ghandu ghad-dar li kien jirrisjedi fiha.

**8.** Din il-Qorti tifhem il-posizzjoni ta' l-appellant u tapprezza l-impossibilita` li jinsab fiha biex jikkompila d-denunzja relattiva. Pero`, kif indika fir-rikors ta' appell, huwa ilu taht arrest preventiv minn Lulju 2009. Issa, id-denunzja in kwistjoni tirreferi ghall-perijodu mill-1 ta' Dicembru 2004 sat-28 ta' Dicembru 2005. Is-sentenza originali nghatat fl-20 ta' Novembru 2008. Minn dakinhar sakemm spicca taht arrest preventiv ghaddew mill-anqas seba' xhur. Jigifieri almenu ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti ma tistax tqis il-pozizzjoni odjerna ta' l-appellant izda l-fatt illi sakemm dahal il-habs kien hemm zmien bizzejjed biex jikkonforma ruhu mal-ligi u mas-sentenza originali. Ghalhekk l-appell ma jistax jigi milqugh.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------